MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 81/2005

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956(M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Nike International Limited**

**vs**

**Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-3 ta' Marzu 2005 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 Libyan Olympic Committee**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta’ attrici Nike International Limited ta’ One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju “NIKE” u l-markju distintiv maghruf bhala “Swoosh Design”, liema markji huma wzati mis-socjeta’ attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B”, “C” u “D”;

Illi s-socjeta’ attrici hija detentrici tad-ditta ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markji “NIKE” u “Swoosh Design” fil-komplessita’ taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f’ Malta taht *Trademark No.* 17123 (kif muri f’Dok “A”), u *Trademark No.* 17125 (kif muri f’Dok “B”), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta’ attrici ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “Swoosh Design” u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema markju “Swoosh Design” huwa wkoll irregistrat bhal *Trademark* Komunitarja mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000277632 (“Swoosh Design” – “outline form”) (kif muri f’Dok “C”) u Numru 000277517 (“Swoosh Design” – “solid form”) (kif muri f’Dok“D”);

Illi jirrizulta illi fis-16 ta’ Dicembru 2004 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM STRAUSS”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu l-markju “NIKE” u l-markju distintiv “Swoosh Design” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’sitt elef (6,000) par, b’container numru JAYU1082033 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru TJN105241 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala XXX9999 Libyan Olympic Committee, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma TJN1111 Meditrade International Co., China;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali tas-socjeta’ attrici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i)(ii) u (iii) tal-KAP 414, li favur taghha huma rregistrati l-markju “NIKE” u l-markju distintiv maghruf bhala “Swoosh Design”, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali tas-socjeta’ attrici skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-istess Kap 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta’ estera Nike Italy SRL ghas-socjeta’ attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok “E”);

Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok “H”);

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikatu u/jew oggetti mdahhla b’ piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414);

2. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'sitt elef (6,000) par da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intelettwali tas-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP 414 - Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP 414 u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' attrici bin-numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Desing";

3. tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' attrici bin-numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji numru 000277632 ("Swoosh Desgin" – "outline form") u numru 000277517 ("Swoosh Design" – "Solid form") registrati f'isem is-socjeta' attrici (dan kollu skond il-provvediment tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

4. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-Artiklu 8 tal-KAP 414;

5. tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta' attrici;

6. tordna lil-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta' attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-KAP 414;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn gie eccepit illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur nomine u dak ta' George Agius esibit mill-istess attur nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur nomine f'dawn il-proceduri qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta attrici estera Nike International Limited tal-Istati Uniti tal-Amerika. Jirrizulta li l-imsemmija socjeta estera attrici hi proprjetarja tal-markju "NIKE" u tal-markju distintiv maghruf bhala "swoosh design". Dawn il-markji huma wzati mis-socjeta' attrici fuq diversi prodotti ta' abbiljament, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra simili. Jirrizulta ukoll li dawn il-markji huma registrati f'Malta mal-awtoritajiet kompetenti taht Trademark No.17123 u Trademark No.17125. Inoltre s-socjeta attrici jirrizulta li ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq l-imsemmi disinn "swoosh design" ai termini tal-artikolu rilevanti tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta uoll li dan l-istess markju "swoosh design" hu registrat bhala *Trademark* komunitarju bin-numru 000277632 u bin-numru 000277517;

Fic-citazzjoni l-attur nomine jippremetti li fis-16 ta' Dicembru 2004 iddahhlet f'Malta konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markju "NIKE" u l-markju distintiv "Swoosh Design" u liema zraben, dejjem skond l-attur nomine kienu foloz. Din il-konsenja in effett kienet tikkonsisti f'sitt elef (6,000) par zarbun liema pari zraben kienu fil-container numru JAYU1082033. Skond l-attur nominee tali importazzjoni hi projbita skond il-ligi u saret bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta attrici kif sanciti fl-imsemmi Kap 414 u fir-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003. L-attur nominee jippremetti ukoll li l-polza ta' karigu relattiva (numru TJN105241) tindika lill-konvenuti esteri bhala l-konsenjatarji tal-merkanzija in kwestjoni. Fuq dawn il-premessi l-attur nomine talab li jigi dikjarat li z-zraben sportivi in kwistjoni huma oggetti falsifikati, li d-dhul gewwa Malta ta' din il-konsenja jikkontravjeni d-dritt ta' proprjeta' intelettwali tas-socjeta' attrici u li d-dhul f'Malta ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ligi anke dik komunitarja. L-attur nominee qed jitlob li jigi ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana, jew lis-socjeta' attrici, jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut.

Qed jintalab ukoll li jigi ordnat kull rimedju skond it-termini tal-Kap.414 tal-Ligijiet ta' Malta u skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003. Finalment l-attur nomine qed jitlob li jigi ordnat lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta' attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana;

Il-konvenuti kuraturi deputati eccipew li huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u konsegwentement irriservaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz, fi stadju ulterjuri. Jigi rilevat li l-konvenuti kuraturi deputati ma ssottomettewx eccezzjonijiet ulterjuri u ma resqux provi;

Mill-kumpless ta' provi prodotti l-pretensjonijiet tal-attur nomine jirrizultaw sufficjentement pruvati. In effett jirrizulta li fis-16 ta' Dicembru 2004 iddahhlet f'Malta konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji distintivi proprjeta tas-socjeta attrici u cioe' "NIKE" u "swoosh design". Din il-konsenja kienet tikkonsisti komplessivament f'sitt elef (6,000) par zarbun u kinet fil-container numru JAYU1082033. Jirrizulta sufficjentement pruvat ukoll li dawn iz-zraben kienu falsifikati u konsegwentement tali importazzjoni hi projbita skond il-ligi u hi lesiva tad-drittijiet tas-socjeta attrici kif sanciti kemm fil-Kap 414 tal-ligijiet ta' Malta kif ukoll fi-ligi komunitarja. Inoltre jirrizulta li d-destinatarji tal-merkanzija in kwestjoni kienu l-konvenuti esteri u li din il-konsenja ta' zraben sportivi issa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana;

In vista tal-premess it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti, dana pero' bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba. F'dan ir-rigward li ma jirrizultax sufficjentement li ghandhom jinghataw rimedji ohra kif qed jitlob l-attur nomine. Inoltre ghar-rigward tat-talba numru erba (4) l-ordni sabiex jigu distrutti l-oggetti in kwestjoni ghndha

tinghata lill-Kontrollur tad-Dwana li bhalissa ghandu l-pussess tal-istess oggetti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici bl-eccezzjoni tal-hames (5) talba u b'hekk tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikatu u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414); tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'sitt elef (6,000) par da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intelettwali tas-socjeta' attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP 414 - Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP 414 u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' attrici bin-numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Desing"; tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' attrici bin-numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji numru 000277632 ("Swoosh Desgin" – "outline form") u numru 000277517 ("Swoosh Design" – "Solid form") registrati f'isem is-socjeta' attrici (dan kollu skond il-provvediment tar-Regolament tal-Kunsill (EC) numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha

“Swoosh Design”; tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti, skond l-Artiklu 8 tal-KAP 414 u finalment tordna lil-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana kif ukoll l-ispejjez tal-garanzija bankarja mahruga mis-socjeta’ attrici favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-KAP 414;

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------